# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imħallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 332/2014**

Il-Pulizija

vs

**Christian Mizzi**

iben John, imwieled Attard, fis-7 ta' April, 1980, detentur tal-karta tal-identita' numru 189580(M)

**U**

**Frederick Abdilla**

**Ommissis**

iben Joseph, imwieled Pieta', fid-29 ta' April, 1981, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 263783(M)

Illum 25 ta' Settembru, 2018,

Il-Qorti,

Rat l-akkużi dedotti kontra l-appellanti Christian Mizzi u Fredrick Abdilla quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta):

Talli nhar is-7 ta' Mejju, 2014 għal ħabta tal-14:15hrs kif ukoll għal ħabta ta' 14:30 hrs ġewwa l-Grawnd Ċentinarju li jinsab Ta' Qali l/o Attard, Malta:

1. Meta ġew mitluba irrifjuataw li jagħtu, jew taw falz il-partikularitajiet tagħhom lil uffiċjal pubbliku PS 830, jew lil wieħed inkariġat minn servizz pubbliku waqt li kien qed jagħmel id-dmirijiet tiegħu (Kap 9, Sec. 338 g);

2. U aktar talli naqsu li jobdu l-ordinjiet leġittimi ta' awtorita jew ta' wieħed li jkun inkariġat minn servizz pubbliku u jew ma ħallewx jew fixklu waqt li kien qed jagħmel d-dmirijiet tiegħu jew b'xi mod ieħor; bla jedd, indaħlu fi dmirijiethom billi ma ħallewx lill-ħaddiehor jagħmel dak li b'liġi jkun ordnat jew jista' jagħmel jew billi ġabu fix-xejn jew ħassru dak li ħaddieħor kien għamel skond il-liġi jew b'xi mod ieħor li jkun (Kap 9 Sec 338 (ee));

3. U aktar talli ġabu ruħhom b'mod li jista' jinkiser il-bon ordni (L.S. 10.33 (6));

4. U aktar talli ġabu ruħhom b'imġieba abbużiva (Reg. 7 S.L. 10.33 (7)).

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tas-17 ta’ Lulju, 2014 fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli tal-Liġi u cioe’ l-Artikolu 338(ee)(g) tal-Kapitolu 9, tal-Liġijiet ta’ Malta, L.S 10.33 (6) u Reg.7 S.L 10.33 (7), il-Qorti sabet lil Christian Mizzi, Luke Joseph Buhagiar u Fredrick Abdilla ħatja tal-ewwel u t-tieni akkuża u kkundannathom multa ta’ €15 għal kull akkuża lil kull wieħed minnhom filwaqt li ma sabithomx ħatja tat-tielet u r-raba’ akkuża u lliberathom minnhom

Rat ir-rikors tal-appellanti Christian Mizzi u Frederick Abdilla minnhom ppreżentat fil-25 ta’ Lulju, 2014 fejn talab lil din il-Qorti jogħġobha tirriforma s-sentenza mogħtija mill-ewwel Qorti fis-17 ta' Lulju, 2014, billi tikkonfermaha fejn sabet lill-esponenti mhux ħatja tat-tielet u tar-raba

imputazzjonijiet u tirrevokaha kwantu għall-ewwel żewġ imputazzjonijiet billi issibhom mhux ħatja tagħhom biex b'hekk issir ġustizzja skont il-Liġi.

Rat l-aggravji tal-appellanti u cioe':-

Ibda biex l-esponenti jikkwerelaw il-fatt illi l-ordni lilhom mogħtija ma kinitx waħda "leġittima" fit-termini tal-artikolu 338 (ee) tal-Kap. 9. Bil-banner minnhom espost huma kienu paċifikament qegħdin jesprimu l-opinjoni tagħhom dwar il-qagħda fil-Palestina, Ma kien hemm ebda ordni pubbliku mhedded. Ebda perikolu gravi u imminenti li kien jintitola lil Pulizija Ezekuttiva tintralċja d-dritt tal-espressjoni tagħhom, kif protett mill-Kostituzzjoni u mill-Konvenzjoni Ewropeja.

Huwa opportun li jiġi mfakkar illi skond ma jinżel mis-silta kaptata mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza tagħha tal-25 ta' Gunju 1976 in re "Wisq Reverendu Monsinjur Philip Calleja -vs-Spettur tal-Pulizija Denis Balzan", u li inċidentalment kien ukoll tikkonsisti minn wiri ta' poster da parti tal-attur f'dik il-kawża, "U wieħed silenzjozament u għal kollox paċifikament iżomm biss f'idejh poster b'xi haġa miktuba li biha jesprimi opinjoni li b'xi mod ma tkunx kontra l-liġi hu forsi l-rninimu [sottolinejar tal-Qorti] rikonoxxut li kull ċittadin. U imbagħad l-opinjoni hekk espressa f'dik il-kitba ma togħġobx lil xi ħadd li jħaddan opinjoni differenti minn dik espressa fdik il-kitba mhiex ħaġ'oħra ħlief manifestazzjoni ta' proprju l-istess dritt ta' liberta' ta' espressjoni". Kompliet tgħid dik l-istess sentenza illi d-disubbidjenza tar-rikorrent Monsinjur għall-ordni tal-Ispettur biex ineħħi l-poster minn idejh u hekk jieqaf milli jkompli jikkomunika dak li kien hemm fih miktub kien jammonta għal trażżin tal-liberta' ta' espressjoni.

Fil-konsiderandi ta' dan il-bran profess mill-ogħla Qorti tal-pajjiż huwa diffiċli li wieħed jaċċetta bħala proposizzjoni korretta illi l-ordni hekk mogħtija f'dan il-każ tista' tiġi elevata għal waħda verament "leġittima". Multo magis, meta kif rikonoxxut, ordni bħal dik, meta ma kien hemm l-ebda għawġ x'jiħi skonġurat, ma kienet xejn raġonevolment ġustifikabbli f 'soċjeta' demokratika. L-invers hu l-każ għaliex it-trażżin lamentat mill-esponenti bit-tneħħija tal-banner kien fih innifsu jammonta għal ksur ta' dritt fundamentali. Huwa wkoll f'din l-ottika illi s-sentenza appellata tiddifetta, għaliex mhux dejjem u bilfors l-ordnijiet mogħtija mill-Pulizija huma dejjem leġittimi.

Ma jistax jonqos li jingħad illi l-Qrati Ordinarji, sia Ċivili kemm penali, kif ukoll kull tribunal ieħor aġġudikanti, ma jistax jinjora il-pronunzjament ta' Qorti Kostituzzjonali, speċjalment f'materji rażenti vjolazzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem. F'dan is-sens il-Qorti għandha dejjem tiggwida ruħha mir-raġunament interpretattiv ta' l-ogħla Qorti tal-pajjiż. Kuntrarjament imbagħad, għal dak dedott l-esponenti lanqas ma kellhom jinstabu ħatja ai termini tal-artikolu 338 (g) tal-Kap. 9 billi huma ikkollaboraw mal-Pulizija u fil-fatt għaddewlhom l-Karta tal-Identita' tagħhom bil-partikolaritajiet kompluti. F'kull każ jgħoddu anke fir-rigward ta' dan l-aggravju l-konsiderazzjonijiet fuq espressi, in kwantu ż-żewġ imputazzjonijiet huma intimament konnessi.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellanti ezebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi din hija kawża sommarja u x-xhieda ma ġietx rekordjata jew traskritta għaldaqstant din il-Qorti kellha terġa' tisma' x-xhieda.

Illi mill-affidavits ta' PC 949 u PC 566 jirriżulta li wara kwarta li bdiet il-logħba tal-futbol organizata mill-"FIFA Women, World Cup Qualification ', liema logħba kienet qed tintlagħab bejn Malta u l-Israel, dawn il-Pulizija nnutaw ħamest irġiel jiftħu banner ta' drapp abjad li kien fih miktub' STOP ISRAELI APARTHEID' solidarity Palestine Network Malta. Is-surgent PS 830 ta ordni lil PC 949 u PC 566 biex ikellmu lil dawn il-persuni u jneħħu l-banner li kellhom peress li ma kien qed jissaportja ebda tim u peress li s-supporters kienu mħalltin flimkien.

Dawn assolutament ma tawx każ l-ordnijiet li tawhom il-pulizija u meta talbuhom id-dettalji personali tagħhom irrifjutaw li jikkoperaw. Għaldaqstant mar ikellimhom PS 830 iżda xorta baqgħu jirrifjutaw li jagħtu d-dettalji personali tagħhom u li jneħħu l-banner in kwistjoni tant li

x'ħin beda jneħħiha PS 830 dawn għamlu resistenza u bdew ifixkluhom f'xogħolhom.

Meta xehed quddiem din il-Qorti PS 830 xehed fid-detall u ftakar sewwa min kien ikkopera mal-Pulizija billi tawhom id-dettalji tagħhom u dawk li le. Infatti huwa jgħid li wara li ġraw il-fatti huwa mar jikteb ir-rapport mill-ewwel biex ikun ċert minn dawk li kienu kkoperaw u dawk li le. Huwa jagħraf b'ċertezza kbira lil appellanti u jiftakar bla ebda dubju li ma kkoperawx. Inoltre, huwa jagħmilha ċara li nħarġu akkużi biss kontra dawk li m'obdewx l-ordnijiet u mhux għal dawk li obdew l-ordnijiet mogħtija.

Dan il-punt ġie ikkontestat mill-appellant Christian Mizzi fix-xhieda tiegħu għax qal li huma ikkoperaw billi l-Pulizija ikkupjaw d-dettalji personali tagħhom minn fuq il-karta tal-identita' tagħhom mentri kien hemm wieħed barrani li ma kkoperax u ħaduh il-Pulizija fil-karozza tagħhom.

Il-Pulizija talbuhom biex ineħħu dan il-*banner* kemm minħabba li ma kienx qed jissaportja ebda tim u kif ukoll għaliex ma riedux li jinqala' l-inkwiet peress li l-logħba kienet b'xejn u n-nies bdew jidħlu għall-logħba minn bieb wieħed u għaldaqstant *s-supporters* kienu mħalltin.

Inoltre, mix-xhieda ta' PS 830 jirriżulta ampjament ċar li l-appellanti ma kkoperawx mal-Pulizija.

L-Ewwel Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni tagħha.

Għaldaqstant din il-Qorti qed tiċħad l-appell ta' Christian Mizzi u Frederick Abdilla u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.